MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru. 290/2004

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef)
vs
Nicky Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Nicky Pace, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 430280(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Tas-Sliema nhar it-8 ta' Frar, 2004 ghall-habta tal-11.00 p.m. ikkommetta serq ta' apparat HiFi, minn go vettura numru CBK-139, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn LM 100 izda anqas minn LM 1,000;

Talli wkoll, fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk

f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira l-ewwel akkuza u dana waqt is-seduta tat-30 ta’ April, 2004;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u billi issib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dan fuq ammissjoni volontarja tal-imputat stess u dan ukoll wara li l-Qorti rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9. Il-Qorti, ghall-fini ta’ piena, ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux fedina penali allarmanti u irregistra ammissjoni mal-ewwel u b’hekk evita li issir l-kumpilazzjoni, ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti tara li ma jkunx ta’ beneficcju li l-imputat jinghata piena karcerarja f’dan il-kaz u ghalhekk wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------